MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 328/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**AB**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra AB talli f'dawn il-Gzejjer, fid-29 ta' Gunju 2000 u matul id-disa' xhur ta' qabel din id-data 1999:

(1) Kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss;

(2) Ikkonsenja medicina ristretta u psikotropika (ecstasy), lil persuna ohra li ma kinitx spizjar/a dirigenti jew ma kinitxx awtorizzata bil-mod xieraq biex ikollha fil-pusses taghha dik il-medicina;

(3) Fl-istess zmien u cirkostanzi assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina f’dawn il-Gzejjer;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’Ottubru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 31, 37, 41(1)(a) u 42(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(i)(f), 120A(2)(b)(i)(ii), 120A(1B), 120A(4) u t-Tielet Skeda tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-regolamenti 3(1) u 11(2) ta’ l-Avviz Legali 22/1985, sabet lill-imsemmi AB:

(a) hati ta’ l-ewwel imputazzjoni ghal pussess ta’ medicina ristretta u psikotropika fid-29 ta’ Gunju 2000, liema imputazzjoni hija assorbita fit-tieni wahda izda lliberatu mill-imputazzjoni ta’ pussess fid-disa’ xhur ta’ qabel id-29 ta’ Gunju 2000;

(b) hati tat-tieni imputazzjoni kif gej:

(i) ta’ pussess ta’ medicina ristretta u psikotropika fid-29 ta’ Gunju 2000;
(ii) ta’ tentattiv ta’ traffikar ta’ l-istess medicina fl-istess jum ai termini ta’ l-artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9 u 120A(4) tal-Kap. 31; u
(iii) ta’ komplicita` ai termini ta’ l-artikolu 42(d) tal-Kap. 9 fit-traffikar fl-istess tip ta’ medicina matul id-disa’ xhur ta’ qabel id-29 ta’ Gunju 2000;

(c) mhux hati tat-tielet imputazzjoni u minnha lliberatu;

u, wara li rat ukoll l-artikoli 37 u 18 tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ xahrejn u ghall-hlas ta’ multa ta’ mitt liri Maltin (Lm100). Inoltre ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ isem l-appellant stante l-eta` li kellu fi zmien ir-reat, u ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jaghmel process verbal dwar id-distruzzjoni. L-ewwel Qorti ma applikatx l-artikolu

533 minhabba li l-uniku espert inhatar waqt l-inkjesta u dan kien qabel is-16 ta' Jannar 2006 ;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi **AB** ipprezentat fl-24 ta' Ottubru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni ghal pussess ta' medicina ristretta u psikotropika fid-29 ta' Gunju 2000 liema imputazzjoni hija assorbita fit-tieni wahda, u kwindi tiddikjarah mhux hati taghha u minnha tilliberah skond il-ligi; u tikkonfermaha fil-parti fejn illiberatu mill-imputazzjoni ta' pussess fid-9 xhur ta' qabel id-29 ta Gunju 2000;

(b) thassarha u tirrevokaha fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u cioe`:
(i) ta' pussess ta' medicina ristretta u psikotropika fid-29 ta' Gunju 2000; u
(ii) ta' tentattiv ta' traffikar ta' l-istess medicina fl-istess jum ai termini ta' l-artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9 u 120A(4) tal-Kap. 31 ; u
(iii) ta' komplicita` ai termini ta' l-artikolu 42(d) tal-Kap. 9 fit-traffikar fl-istess tip ta' medicina natul id-disa' xhur ta' qabel id-29 ta' Gunju 2000 ;

u kwindi tiddikjarah mhux hati ta' tali imputazzjonijiet u minnha/minnhom tilliberah skond il-ligi ; u

(c) tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati tat-tielet imputazzjoni u minnha lliberatu skond il-ligi ; u

(d) tikkonfermaha fil-parti fejn ma applikatx id-dispost ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 .

Minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta sanzjoni aktar ekwa ghall-kaz odjern ;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) ir-rizultanzi processwali ma jwasslux legalment u ragonevolment ghall-htija tieghu. Is-sejbien ta’ htija fuq il-verzjoni li ta x-xhud principali Kevin Spiteri hi wahda *unsafe and unsatisfactory*. F’dan il-kuntest jirreferi ghas-sottomissjonijiet tieghu fin-nota pprezentata fit-28 ta’ Marzu 2006. Isostni li l-fatti kif irrakkontati minn Kevin Spiteri huma f’parti inverosimili, f’parti inkredibbli u f’parti kompletament mhux korroborati u dan jaghmlu lill-imsemmi xhud mhux attendibbli. B’hekk ghandu jigi dikjarat mhux hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha; (2) minghajr pregudizzju, is-sejbien ta’ htija dwar ir-reat ta’ komplicita` fit-traffikar matul id-disa’ xhur qabel id-29 ta’ Gunju 2000 mhix permissibbli mil-ligi peress illi ma nghatax l-opportunita` li jiddefendi ruhu peress illi x-xhud Kevin Spiteri isemmi terz injot meta l-appellant ma seta’ qatt jikkontrolla l-allegata (u wisq probabbli fittizja) sfera li kienet tikkoncerna dan it-terz injot; (3) minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandu jkun hemm bidla jew temperament fil-piena.

L-ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-ewwel Qorti. Issa, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux

addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

A propozitu din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad minn Lord Widgery CJ fil-kawza *R. v. Cooper* [1969] 1 QB 267 in konnessjoni ma' l-artikolu tal-ligi Ingliza 2(1)(a) tal-Criminal Appeal Act, 1968: *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed"* (Ara wkoll **Blackstone's Criminal Practice 2004**, para. D23.17, pagna 1668).

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-**

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija.

Il-provi principali jikkonsistu fix-xiehda ta' l-ufficjal investigattiv is-Supretendent Nicholas Ciappara, dik ta' zewg membri tad-Drug Squad li kienu xoghol f'party li kien qieghed jinzamm in-Numero Uno f'Ta' Qali li raw lill-appellant u lil certu Kevin Spiteri jitkellmu flimkien, ix-xiehda ta' l-istess Kevin Spiteri u dik ta' l-appellant.

**P.C. 279 Kevin Gauci** xehed li hu u P.C. 1473 kienu qeghdin jaghmlu patrol barra, u meta dahlu fil-parking area raw zewg persuni li x'hin kienu qed javvicinawhom l-appellant AB qal "CID, CID" u Kevin Spiteri li kien hemm mieghu rema borza tal-plastik li kien fiha disa' pilloli bojod. Il-borza giet elevata minn P.C. 1473 minn "ma' genb Kevin Spiteri li remiha." Mistoqsi kemm kienu boghod minn xulxin, wiegeb: "Meta jkunu qishom zewgt ihbieb jitkellmu ma' xulxin."

**P.C. 1473 Simon Deguara** xehed li hu u P.C. 279 marru jaghmlu patrol hdejn il-parking area u huma u dehlin raw lill-appellant u lil Kevin Spiteri. X'hin rawhom javvicinaw, l-appellant qal "Hawn is-CID" lill-iehor "u l-iehor qisu telaq borza minn fejn idejh." Ix-xhud qal li eleva l-borza li kienet tikkontjeni disa' pilloli suspettati ecstasy. Il-borza kienet f'id Kevin Spiteri.

Mir-relazzjoni ta' l-Ispizjar Mario Mifsud esebita fl-atti tal-process verbal jirrizulta li l-pilloli in kwistjoni fil-fatt kien fihom is-sustanza MDMA.

**Kevin Spiteri** xehed li fil-gurnata in kwistjoni waqt li kien ir-*rave party* mar isaqsi lill-appellant biex jixtri ecstasy u l-appellant qallu biex johrog barra. Meta hareg, kien hemm

guvni iehor li qallu jistenna hemm. Wara mar l-apepllant u mxew ftit ‘l isfel. Waqfu, l-appellant mar daqsxejn ‘il boghod u rritorna b’borza, hareg il-pilloli, ta l-borza lix-xhud u qallu jzommhielu filwaqt illi l-appellant beda jwaddab il-pilloli lura fil-borza u jghoddhom. Hin minnhom l-appellant ghajjat li gejjin is-CID. Skond ix-xhud, l-appellant ha l-borz minn idu u remiha hdejn saqajn ix-xhud. Il-pulizija arrestaw lilu u lill-appellant. Lill-appellant kien jafu “hekk imma ma nkellmux, narah hekk.” Mistoqsi fejn kien jafu qal: “Mhux meta nohrog u hekk.” Qal li gieli saqsa lill-appellant ghall-ecstasy u l-appellant kien jiehdu ghand bniedem iehor. Il-flus kien itihom lill-bniedem l-iehor.

Ix-xhud ikkonferma li kien ghamel stqarrija li kien kkonferma bil-gurament quddiem Magistrat Inkwirenti u li fiha kien qal il-verita`. Fost affarijiet ohra kien qal li gieli xtara pilloli ecstasy minghand l-appellant bid-dejn u li fl-ahhar disa’ xhur kien xtara xi hames darbiet minghand l-appellant. Huwa spjega pero` illi fil-gurnata ta’ l-arrest tieghu biss kien se jixtri l-pillola bid-dejn u li meta ghamel l-istqarrija ma qaghadx isemmi persuni ohra u semma lill-appellant ghax kien jghid lilu. Insista li din kienet il-verzjoni veritjera diversi drabi, anke waqt il-kontro-ezami u ri-ezami.

**L-appellant** xehed illi kien wiehed mill-*helpers* fil-*party* in kwistjoni, gietu hajra li jipprova ecstasy u beda jsaqsi. Sab zaghzugh li qallu jistennieh barra. Kien hemm wiehed mill-*promoters*, certu Charlie, li qallu li hiereg ghax fethu skoss karozzi ha jara x’gara u l-apepllant qallu li johrog mieghu gahx kellu jiltaqa’ ma’ wiehed. Kif hargu “Charlie” telaq ghalih u hu mar ghal rasu. Iltaqa’ maz-zaghzugh li qallu li jismu Kevin u dan qallu jistennieh. “Sakemm dar wara sigra, gew zewg CIDs qalulna CIDs u ghidtlu CIDs jien u rajtu jarmi borza mal-art u haduna maghhom.” Il-borza kienet f’idejn Kevin. Meta ghamel l-istqarrija ddecieda li jwiegeb “Ghax ma kelli xejn x’nahbi u isbah mill-verita` ma hawnx.” L-ewwel darba li ra lil Kevin kien dakinhar. Ma kienx Kevin li talbu ghall-ecstasy izda kien hu li talab lil Kevin. Kevin qatt ma mar lejn id-dar tieghu. Mhux vera li Kevin kien ilu disa’ xhur imur ghand l-appellant. In kontro-

ezami nqratlu l-istqarrija li huwa kkonfermaha izda ried izid dak li xehed quddiem il-Qorti. Dwar il-borza qal li raha f'id Kevin u hu kien xurban u kien id-dlam. Ma jafx jekk kinitx tal-plastik jew tal-karti. Meta Kevin rema l-borza giet bejnu u Kevin.

Issa, jinghad mill-ewwel illi s-sentenza appellata hija wahda dettaljata hafna, u minnha hu evidenti li l-magistrat sedenti gharbel il-provi minuzzjozament. Inoltre huwa kkunsidra d-diversi punti sollevati mid-difiza u li huma l-istess punti sollevati f'dan l-appell. Din il-Qorti, wara li kkunsidrat dak kollu li ntqal fis-sentenza appellata, il-provi kollha migbura, u s-sottomissjonijiet kollha li saru f'dan l-istadju, tqis li kollox ma' kollox m'ghandhiex tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet raggunti mill-ewwel Qorti u li setghet legalment u ragjonevolment tasal ghalihom.

Huwa minnu illi meta Kevin Spiteri xehed quddiem l-ewwel Qorti huwa varja l-verzjoni li ta lill-Pulizija u li kkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Filwaqt illi fl-ewwel verzjoni tieghu huwa qal li kien akkwista l-ecstasy minghand l-appellant, quddiem l-ewwel Qorti qal li effettivament dak li ghamel l-appellant kien li hadu ghand terza persuna biex akkwista minghand dik it-terza persuna. Xorta jibqa' l-fatt li Kevin Spiteri kien konsistenti fil-mod kif implika lill-appellant bhala l-persuna li ghenet sabiex l-ecstasy titwassal ghandu.

Mill-banda l-ohra l-appellant fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija pprova jiddistanzja ruhu minn Kevin Spiteri billi mhux biss jghid li qatt ma kien rah qabel dakinhar li gew arrestati, izda sahansitra li meta gie arrestat mill-Pulizija ma kienx qieghed hdejn Kevin Spiteri izda kien imbieghed minnu tul l-ufficcju ta' l-ufficjal investigatur u ghalhekk ma jafx ghaliex gie arrestat. P.C. 279 Kevin Gauci pero`, meta mistoqsi kemm kienu 'l boghod minn xulxin, xehed li kienu "qishom zewgt ihbieb jitkellmu ma' xulxin"[2]. Quddiem l-ewwel Qorti jbiddel il-verzjoni kompletament u jghid illi kien hu li se jixtri minghand Kevin Spiteri. Fl-istess hin jikkontradici ruhu meta, waqt li kien qieghed jixhed, qal li

[2] A fol. 15.

meta ghamel l-istqarrija ddecieda li jwiegeb “ghax ma kelli xejn x’nahbi u isbah mill-verita` ma hawnx.” Pero` liema hi l-verita` skond l-appellant – dik li ma kellu xejn x’jaqsam ma’ Kevin Spiteri skond l-ewwel verzjoni, jew li kien se jixtri minghandu skond it-tieni verzjoni quddiem l-ewwel Qorti?

Ghal dawn ir-ragunijiet u r-ragunijiet moghtija mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tirribadixxi l-fehma taghha li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet.

Dwar it-tieni aggravju fejn l-appellant jallega li ma kienx f’pozizzjoni li jiddefendi ruhu b’kull mezz legali ghal dak li qal Kevin Spiteri dwar it-terz injot, l-appellant m’ghandux ragun. Huwa veru li Kevin Spiteri semma lit-terz injot ghall-ewwel darba quddiem l-ewwel Qorti. L-appellant pero` kellu u utilizza (1) id-dritt ta’ kontro-ezami ta’ Kevin Spiteri permezz tad-difensur tieghu, (2) id-dritt li jixhed, (3) id-dritt li jipproduci xhieda in difesa, u (4) id-dritt li jaghmel sottomissjonjiet kemm verbalment kif ukoll bil-miktub. B’hekk it-tieni aggravju qieghed jigi michud ukoll.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant isostni li ghandu jkun hemm bidla jew temperament fiha.

Issa, in materja ta’ piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[3].

Fil-kaz in ezami l-piena applikabbli hi dik ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta’ mhux inqas minn 465.87 u mhux izjed minn 11,646.87. Peress illi l-appellant ma kienx ghalaq it-tmintax-il sena fiz-zmien tar-reati in kwistjoni, il-piena tonqos bi grad jew tnejn skond l-artikolu

---

[3] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta’ Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta’ Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta vs David Vella**, 14 ta’ Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta’ April 2003.

37 tal-Kap. 9. Dan ifisser illi l-piena ta’ prigunerija tkun ta’ mhux inqas minn xahrejn izda mhux izjed minn disa’ snin jekk tonqos bi grad u ta’ mhux inqas minn xahar u mhux izjed minn sitt snin jekk tonqos b’zewg gradi. L-ewwel Qorti ddecidiet li timponi piena ta’ xahrejn prigunerija wara li qieset illi kien applikabbli l-artikolu 18 tal-Kap. 9. Jigifieri wara li naqqset il-piena b’zewg gradi skond l-artikolu 37 tal-Kap. 9, hadet il-piena minima mbaghad ziedet grad bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9.

L-artikolu 18 tal-Kap. 9 pero` mhuwiex applikabbli peress illi l-prosekuzzjoni ma talbitx l-applikazzjoni ta’ dak l-artikolu. F’dar-rigward issir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Galea** fit-3 ta’ Novembru 1995 (Vol. LXXIX.v.1678). Ghalhekk, u wara li din il-Qorti qieset illi dan huwa kaz li jirrisali ghas-sena 2000, irid ikun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta’ xahrejn u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta’ xahar filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, inkluz fejn ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta’ isem l-appellant stante l-eta` tieghu fi zmien ir-reati in kwistjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------